MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 305/2010

**Mobisle Communications Limited
C24655**

**vs**

**Moon Vincent
I.D.330364 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet llil- konvenut l-hlas tas-somma ta' mitejn u erbghin Ewro u tmenien Ewro centezmu (€240.80), liema somma tipprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil *Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru 412764 u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u is-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestruipprezentat

kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa gie ingunt ghas-subizzjoni.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta ihallas is-somma ta' mitejn u erbghin Ewro u tmenien Ewro centezmu (€240.80), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------